



Brussell, 10 ta' Marzu 2026
(OR. en)

6571/26

LIMITE

CORLX 185
CFSP/PESC 260
RELEX 247
FIN 291
COEST 167

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-
Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta'
azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-
indipendenza tal-Ukrajna

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi
fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu
l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/269/oj>.

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u afferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu li jibqa' jingħata għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha. Il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-isforzi sabiex tkompli tiġi limitata l-kapaċità tar-Russja li tiġġieled gwerra jridu jkomplu. Huwa esprima wkoll ir-rieda tal-Unjoni li żżid il-persjoni fuq ir-Russja, inkluż billi timponi aktar sanzjonijiet.
- (3) Fid-dawl tal-aggressjoni kontinwa u li qed teskala tar-Russja kontra l-Ukrajna, u b'mod partikolari l-kampanja militari brutali reċenti tagħha mmirata deliberatament lejn l-infrastruttura ċivili, inkluż il-faċilitajiet tal-enerġija, tal-ilma u tas-saħħa, li kkawżat tbatija serja lill-popolazzjoni ċivili u li għandha l-għan li ddgħajjef ir-reżiljenza tal-Ukrajna, il-Kunsill iqis li huwa neċessarju li jiġu adottati aktar miżuri restrittivi.
- (4) B'mod partikolari, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li disgħa' persuni responsabbli għal azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna jiżdedu fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"2023.	Aleksandr Yuryevich CHAYKO magħruf ukoll bħala Alexander Yuryevich CHAIKO bir-Russu: Александр Юрьевич ЧАЙКО	Funzjoni: Kurunell Ġeneral; Kap tal-Armed Forces Group in Syria; eks Kmandant tad-Distrett Militari tal-Lvant Data tat-twelid: 27.7.1971 Post tat-twelid: Golitsyno, Moscow Oblast, RSFSR, USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 503009120703	Aleksandr Chayko, kap tal-Armed Forces Group fis-Syria, huwa l-eks Kmandant tad-Distrett Militari tal-Lvant u kien l-uffiċjal militari Russu bl-akbar anzjanità fil-post fl-Ukrajna fil-bidu tal-invażjoni fuq skalashiha tar-Russja . Aleksandr Chayko kien il-Kmandant kap fl-Ukrajna meta t-truppi Russi daħlu Bucha. L-atroċitajiet f'Bucha jikkostitwixxu delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra. Aleksandr Chayko ngħata t-titolu ta' "Eroj tal-Federazzjoni Russa" fl-2020. Għalhekk, Aleksandr Chayko qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2024.	<p>Andrey Viktorovich KONDROV</p> <p>bir-Russu: Андрей Викторович КОНДРОВ</p>	<p>Funzjoni: Kurunell; Kmandant tal-5th Separate Tank Brigade of the 36th Combined Arms Army</p> <p>Data tat-twelid: 12.8.1976</p> <p>Post tat-twelid: Dalnerechensk, Primorsky Krai, RSFSR, USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Il-Kurunell Andrey Kondrov huwa l-Kmandant tal-5th Separate Tank Brigade of the 36th Combined Arms Army. Dik il-brigata, immexxija minn Andrey Kondrov, hija akkużata b'serq u l-omiċidju ta' residenti f'Bucha, l-Ukrajna. Dawk l-atroċitajiet f'Bucha jikkostitwixxu delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra.</p> <p>Għalhekk, Andrey Kondrov qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2025.	Artem Igorevich GORODILOV bir-Russu: Артем Игоревич ГОРОДИЛОВ	<p>Funzjoni: Kurunell; Kmandant tat-83rd Guards Air Assault Brigade; eks Kmandant tat-234th Guards Air Assault Regiment of the 76th Guard Air Assault Division of the Airborne Forces of the Russian Federation</p> <p>Data tat-twelid: 8.8.1984</p> <p>Post tat-twelid: Moscow, RSFSR, USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Passaport: serje 4507 No 336855, maħruġ fl-20.8.2004 miċ-ċentru tal-affarijiet interni f'Moska (Distrett ta' Sokolniki)</p> <p>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa 370203319194</p>	<p>Il-Kurunell Artem Gorodilov huwa l-Kmandant tal-83th Guards Air Assault Brigade u l-eks Kmandant tat-234th Guards Air Assault Regiment, li hija parti mis-76th Guards Air Assault Division. It-234th Guards Air Assault Regiment ħa sehem fil-massakru ta' ċivili f'Bucha meta dik il-belt kienet okkupata mit-truppi Russi fil-jiem bikrija tal-gwerra. Artem Gorodilov mexxa it-234th Guards Air Assault Regiment dak iż-żmien u kien preżenti f'Bucha fejn mietu eluf ta' ċivili, f'xi każijiet b'riżultat ta' eżekuzzjonijiet brutali.</p> <p>Għalhekk, Artem Gorodilov qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2026.	Sergey Viktorovich CHUBARYKIN bir-Russu: Сергей Викторович ЧУБАРЫКИН	Funzjoni: Maġġur Ġeneral; Kmandant tas-76th Guards Air Assault Division of the Airborne Forces of the Russian Federation Data tat-twelid: 25.8.1980 Post tat-twelid: Ryazan, RSFSR, USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Passaport: serje 6102 Nru 632261, maħruġ fis-16.10.2002 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 231523648681	Il-Maġġur Ġeneral Sergey Chubarykin huwa l-Kmandant tas-76th Guards Air Assault Division, li t-truppi tiegħu wettqu l-biċċa l-kbira tal-atroċitajiet dokumentati f'Bucha inkluż eżekuzzjonijiet, tortura u serq. Dawk l-atroċitajiet f'Bucha jikkostitwixxu delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra. Is-76th Guards Air Assault Division kienet fuq quddiem nett fl-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna mir-Russja fi Frar 2022, b'elementi differenti tad-diviżjoni rrappurtati bħala involuti fil-ħlieda fit-tramuntana ta' Kyiv, fl-Oblast ta' Kharkiv qrib il-belt ta' Izyum u fl-Oblast tal-Lvant ta' Luhansk madwar Popasna. Għalhekk, Sergey Chubarykin qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2027.	<p>Viktor Viktorovich FILONOV</p> <p>bir-Russu: Виктор Викторович ФИЛОНОВ</p> <p>magħruf ukoll bħala Віктор Вікторович ФІЛОНОВ</p>	<p>Funzjoni: Suldat fit-234th Guards Air Assault Regiment of the 76th Guards Air Assault Division of the Airborne Forces of the Russian Federation</p> <p>Data tat-twelid: 9.4.1991</p> <p>Post tat-twelid: RSFSR, USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Viktor Filonov, waqt li kien qed jaqdi fit-234th Guards Air Assault Regiment of the 76th Guards Air Assault Division, kien involut f'delitti tal-gwerra tar-Russja kontra ċivili f'Bucha u Borodianka, fir-reġjun ta' Kyiv Oblast, fi Frar sa Marzu 2022.</p> <p>Huwa adotta wild minn - Donetsk Oblast tal-Lvant tal-Ukrajna okkupat illegalment li ġie deportat illegalment lejn ir-Russja.</p> <p>Għalhekk, Viktor Filonov qed jappoġġa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2028.	Vladimir Viatcheslavovitch SELIVERSTOV bir-Russu: Владимир Вячеславович СЕЛИВЕРСТОВ	Funzjoni: Maġġur Ġeneral; eks Kmandant tal-106th Airborne Division Data tat-twelid: 1.8.1973 Post tat-twelid: Stanki Village, Vyaznikovsky District, Vladimir Oblast, RSFSR, USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Indirizz: Russian Federation, Moscow Oblast, Kubinka, Armeyskaya Street, 26, apt. 29 Passaport: serje 3418 Nru 265658, maħruġ fl-2018	Il-Maġġur Ġeneral Vladimir Seliverstov tar-Russian Airborne Forces kmanda l-unitajiet tal-106th Airborne Division ġewwa l-"Vostok" Combined Troops Grouping. Fil-perjodu minn Frar sa April 2022, huwa mexxa l-azzjonijiet tat-truppi subordinati matul l-operazzjoni Russa biex tinħataf Kiev -mill-punent. Il-persunal ta' daww l-unitajiet tal-106th Airborne Division kienu involuti f'delitti tal-gwerra kontra ċ-ċivili fl-Oblast ta' Kiev, inkluż f'Bucha, Hostomel u Irpen. Dawn l-atroċitajiet jikkostitwixxu delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra Vladimir Seliverstov nġhata t-titolu ta' "Eroj tal-Federazzjoni Russa". Għalhekk, Vladimir Seliverstov qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2029.	Vadim Ivanovich PANKOV bir-Russu: Вадим Иванович ПАНКОВ	Funzjoni: Kmandant tal-45th Separate Guards Special Purpose Brigade (Spetsnaz) Data tat-twelid: 2.1.1968 Post tat-twelid: Gomel, Belarus SSR, USSR (issa Republic of Belarus) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Il-Maġġur Ġeneral Vadim Pankov huwa l-Kmandant tal-45th Separate Guards Special Purpose Brigade (Spetsnaz), li hija parti mill-forzi eliti tal-ajru. Huwa pparteċipa fl-annessjoni tal-Krimea fl-2014 u mexxa operazzjonijiet ta' forzi speċjali. Vadim Pankov kkmanda unitajiet matul l-invażjoni Russa tal-Ukrajna. Il-brigata tiegħu kienet involuta fl-okkupazzjoni ta' Bucha. Huwa kien akkużat li ordna l-eżekuzzjoni ta' 30 resident lokali u li sforza ċ-ċivili jneħħu l-iġsma ta' suldati Russi mejta. Dawk l-atroċitajiet jikkostitwixxu delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra. Vadim Pankov inġhata t-titolu ta' "Eroj tal-Federazzjoni Russa". Għalhekk, Vadim Pankov qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2030.	Denis Aleksandrovich SUVOROV bir-Russu: Денис Александрович СУВОРОВ	Funzjoni: Logutenent Kurunell; Kmandant tal-175th Separate Reconnaissance Battalion tas-76th Guards Air Assault Division of the Airborne Forces of the Russian Federation Data tat-twelid: 6.11.1984 Post tat-twelid: Pskov Oblast, RSFSR, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Il-Logutenent Kurunell Denis Suvorov huwa, l-Kmandant tal-175th Separate Reconnaissance Battalion tas-76th Guards Air Assault Division. Fil-bidu tal-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna mir-Russja, il-battaljun tiegħu ġie skjerat bħala parti mill-operazzjonijiet tad-diviżjoni fi Kiev Oblast, inkluż Bucha. L-attivitajiet ta' rikonzjazzjoni tal-battaljun tiegħu appoġġaw l-operazzjonijiet usa' ta' "tindif" li wasslu għal delitti tal-gwerra dokumentati. Huwa pparteċipa personalment fit-tortura ta' persuni ċivili matul l-okkupazzjoni Russa ta' Bucha f'Marzu 2022. Għalhekk, Denis Suvorov qed jappoġġa u jimplementa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2031.	Aleksey Nikolaevich TOLMACHEV bir-Russu: Алексей Николаевич ТОЛМАЧЕВ	Funzjoni: Kurunell; Kmandant tal-104th Airborne Assault Regiment tas-76th Guards Air Assault Division of the Airborne Forces tal-Federazzjoni Russa Data tat-twelid: 23.4.1980 Post tat-twelid: Moscow, RSFSR, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa	Il-Kurunell Aleksey Tolmachev, il-Kmandant tal-104th Airborne Assault Regiment tas-76th Guards Air Assault Division, ipparteċipa fl-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Minn Frar sa April 2022, ikkmanda l-104th Airborne Assault Regiment bħala parti mill-grupp tal-forzi "Vostok". Iż-żona ta' operazzjonijiet tiegħu kienet il-parti fil-Punent ta' Kiev Oblast. Unitajiet subordinati għal Aleksey Tolmachev kienu involuti fit-tweġġ ta' reati tal-gwerra kontra persuni ċivili fl-ibliet ta' Bucha u Irpen. Għalhekk, Aleksey Tolmachev qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	“”.

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Sess: raġel Passaport: serje 6103 Nru 814361, maħruġ fit-08. 4.2003 mir-Railway District Department of Internal Affairs Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 463205326671	PUBLIC	